# Direttivi dwar il-Funerali

## Introduzzjoni

**1.1** Il-mument tat-telfa ta' xi ħadd għażiż huwa sensittiv ħafna, kemm umanament kif ukoll spiritwalment. Għalhekk il-kappillan u s-saċerdoti li jkunu qrib tal-familja għandhom jagħtu importanza għat-tħejjija taċ-ċelebrazzjoni tal-funeral, is-sagrament tal-qrar għall-familjari u qraba tal-mejjet, u l-kuntatt mal-familja. Tajjeb ukoll illi fil-parroċċi jiġu mrawma gruppi li jkunu jistgħu jagħtu sapport lill-familjari matul il-ġranet u x-xhur ta' wara l-funeral.

**1.2** Għandna nżommu quddiem għajnejna li l-liturġija tal-funerali tiċċelebra r-rabta tal-persuna mejta ma' Kristu Rxoxt. Huwa importanti ħafna li ċ-ċelebrazzjoni tal-funeral tħeġġeġ fina l-fidi fil-Mulej li miet u qam, it-tama li l-mejtin kollha għad iqumu fi Kristu, u l-imħabba u r-rabta ta' bejnietna li għadna f'dan il-wied ta' dmugħ ma' dawk li mietu fi Kristu.

**1.3** Għaldaqstant, fejn hu possibbli, il-Kappillan (jew xi saċerdot ieħor) għandu jżur il-familjari xi ħin qabel il-funeral, jitlob magħhom, joffrilhom is-servizz tal-qrar u jipprepara ċ-ċelebrazzjoni tal-funeral.

**1.4** It-tibdil li qed jiġi introdott mill-Knisja f'Malta hu previst mill-istess Ordni tal-Funerali (OE) li ħareġ fl-1969.

## Direttivi

**2.1** Dawn id-direttivi japplikaw għall-parti liturġika tal-funeral.

*2.1.1* Il-parti liturġika tal-funeral tinqasam f'żewġ stazzjonijiet: fil-knisja u fiċ-ċimiterju. Il-parti liturġika tibda mat-tberik tal-mejjet/mejta malli j/tasal il-knisja u tintemm bit-talba mis-saċerdot fuq il-qabar jew sakemm il-mejjet/mejta jinħareġ/tinħareġ mill-knisja f'każ li ma jkunx ser isir it-tieni stazzjon (i.e. fiċ-ċimiterju) għax id-dfin ma jkunx ser isir minnufih.

*2.1.2* F'każ li d-dfin ma jsirx minnufih, is-saċerdot jagħmel ir-rit li jsir fiċ-ċimiterju meta l-fdalijiet ikunu ser jindifnu.

**2.2** Il-ħin tal-parti liturġika tal-funeral għandu jkun miftiehem bejn il-kappillan/rettur tal-knisja fejn ser isir il-funeral u l-familjari (b'mod dirett jew permezz tal-kummissjonant). F'każ li l-funeral ma jsirx fil-parroċċa tar-residenza tal-mejjet/mejta, il-kummissjonant għandu jinforma lill-kappillan tal-parroċċa tar-residenza bil-funeral qabel ma dan isir.

**2.3** Hu ssuġġerit li l-mejjet/mejta għandu/ha j/titwassal il-knisja madwar kwarta qabel il-ħin stabbilit tal-quddiesa. F'dak il-ħin iċ-ċelebrant ikun disponibbli għall-qrar. Tajjeb li f'dan il-ħin ikun hemm talb ta' preparazzjoni għall-quddiesa organizzat mill-parroċċa/knisja jew mużika addattata.

**2.4** Mal-wasla tal-mejjet/mejta quddiem il-knisja fejn se jsir il-funeral, is-saċerdot jilqa' lill-mejjet/mejta u l-qraba tagħhom fil-bieb tal-knisja. Mad-daħla tat-tebut fil-knisja tibda purċissjoni sal-post fejn jitqiegħed it-tebut - fil-korsija tan-nofs. Malli t-tebut jitqiegħed f'postu, tingħad talba għall-mejjet/mejta u għall-familjari, u l-mejjet/mejta j/titbierek mis-saċerdot jew djaknu. Il-purċissjoni għandha timxi hekk: is-saċerdot u l-ministri liturġiċi jimxu fuq quddiem u warajhom jimxu r-reffiegħa bit-tebut. Warajhom ikun hemm il-familjari, il-kummissjonant, in-nies involuti fil-funeral u nies oħra. L-istess ordni għandha tinżamm fil-ħruġ tat-tebut mill-knisja, u fid-dħul fiċ-ċimiterju. Wara l-quddiesa, il-korteo mill-knisja għaċ-ċimiterju għandu jmur direttament iċ-ċimiterju.

*2.4.1* F'każ li minflok tebut ikun hemm urna, din titqiegħed fejn is-soltu jitqiegħed it-tebut jew fuq mejda qrib il-presbiterju, mingħajr ma jkun hemm ritratt tal-mejjet/mejta.

**2.5** Il-quddiesa tal-funeral hi att ta' fidi fil-fidwa li ġab Ġesù, dik il-fidi li fiha aħna nemmnu li hu "l-qawmien u l-ħajja". Għalhekk il-kant fil-knisja għandu jkun liturġiku u jirrispetta n-normi liturġiċi. Il-kant, il-qari, it-talb tal-fidili, l-għażla tal-qarrejja, l-armar tal-fjuri fil-knisja, eċċ. għandhom ikunu diskussi maċ-ċelebrant.

*2.5.1* It-talb tal-fidili, u f'każ li jkun hemm xi talba wara t-tqarbin, ma għandhomx ikunu eloġju fuq il-mejjet/mejta, imma għandhom ikunu talb li jmorru ma' dik il-parti tal-quddiesa.

**2.6** Jekk il-familjari jkunu jixtiequ, jistgħu jsiru ringrazzjamenti biss miċ-ċelebrant innifsu f'isem il-familja wara t-tmiem tal-quddiesa. Jekk membri tal-familja jixtiequ jwasslu xi messaġġ, dan jista' jsir minnhom wara t-talb mis-saċerdot ħdejn il-qabar.

**2.7** Fil-mumenti kollha tal-parti liturġika tal-funeral għandha tiġi rispettata d-dinjità taċ-ċelebrazzjoni u tal-post.

**2.8** Ritratti tal-persuna mejta jistgħu jitqiegħdu biss fuq wara tal-knisja fejn ikun hemm il-ktieb tal-kondoljanzi.

**2.9** Ma jistgħux jitħallew bnadar jew fjuri fuq it-tebut waqt il-quddiesa. Fil-każ ta' bnadar ta' korpi dixxiplinari u bnadar statali, il-bandiera għandha tintewa pulit u titneħħa minn fuq it-tebut malli jidħol fil-knisja. Jekk tkun ser terġa' tintuża fl-aħħar, titqiegħed fuq it-tebut qabel ma jintrefa' biex joħroġ mill-knisja. F'każ ta' bnadar oħra, dawn għandhom jitneħħew qabel ma jidħol fil-knisja, u jistgħu jerġgħu jitqiegħdu ladarba t-tebut ikun inħareġ mill-knisja. Waqt il-quddiesa, fuq it-tebut jitqiegħdu biss il-Kurċifiss u l-Bibbja jew lezzjonarju (u stola f'każ ta' saċerdot), u jista' jkun mgħotti biss b'faldrappa apposta għal dan il-għan. F'każ ta' xi midalji u onorifiċenzi li jkollu/ha l-mejjet/mejta, dawn jistgħu jitqiegħdu fuq xi banketta qrib it-tebut.

**2.10** Bnadar, stendardi ta' soċjetajiet u għaqdiet ċivili, eċċ., li jinġiebu fil-knisja fl-okkażjoni ta' funerali, għandhom jitqiegħdu ħdejn il-bieb ta' barra.

**2.11** Mill-bidu tal-quddiesa sal-ħin li t-tebut joħroġ mill-knisja, ma għandu jsir xejn iżjed għajr dak li jinsab fir-ritwal tal-funerali.

**2.12** Il-kummissjonant għandu jinforma u jiffaċilita l-ħarsien ta' dawn id-direttivi mill-familjari u minn dawk preżenti għall-funeral.

**2.13** It-tariffa għas-servizz liturġiku hi ta €85. It-tariffa tinkludi l-użu tal-knisja u l-elemosina taċ-ċelebrant. It-tariffa ma tinkludix il-kant, il-permessi minn awtoritajiet ċivili, id-dritta taċ-ċimiterju u spejjeż oħra marbuta mad-dfin u ċimiterji. Min jixtieq jagħti donazzjonijiet ulterjuri, jista' jagħmel dan. Dan ma jfissirx li ma ssirx il-ġabra waqt il-quddiesa. F'każijiet fejn il-familjari ma jaffordjawx iħallsu t-tariffa, il-familjari stess għandhom jitkellmu mal-kappillan jew rettur tal-knisja fejn ikun ser isir il-funeral.

*2.13.1* F'każ ta' funeral hekk imsejjaħ tal-povri u f'każ ta' funeral tat-tfal, il-knisja toffri s-servizz tagħha mingħajr ħlas.

**2.14** Kull permess minn awtoritajiet ċivili huwa r-responsabbiltà tal-kummissjonant.

**2.15** Il-kummissjonant għandu jara li jagħti burial permit oriġinali lill-parroċċa li tagħha hu ċ-ċimiterju fejn issir id-difna, kopja lill-parroċċa/knisja fejn isir il-funeral u kopja lill-parroċċa fejn kien residenti l-mejjet/mejta.

**2.16** Min jixtieq jieħu ritratti, videos jew live-streaming tal-parti liturġika tal-funeral għandu jitlob il-permess tal-kappillan jew rettur tal-knisja u taċ-ċelebrant.